MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru 68/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Jerken Decelis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jerken Decelis ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Harold u Maria Dolores neè Spiteri, imwieled Pietà nhar it-12 ta' Dicembru 1983 u residenti 11, Tulip, Triq Balbi, Marsa, detentur tal-Karta ta' 1-Identità bin-Numru 12884(M), talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Frar 2011, kif ukoll f'dan 1-ahhar xahar, f' hinijijet differenti f' diversi postijiet madwar Malta:

a) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-

Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
b) kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmijja u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga imsemmijja fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmijja giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmijja u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal- ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

c) talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar it-12 ta' Marzu 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jerken Decelis;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ma tistax ghajr li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena hadet in konsiderazzjoni li l-fatt li l-pilloli *ectasy* ma instabx fuq il-persuna ta' l-imputat kif ukoll hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li l-istess imputat ikkopera mal-Pulizija;

Ghalhekk wara li rat u kkunsidrat ir-Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 31.18, l-Artikolu 120A(1)(a) u l-Artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur b'effett millum **u** ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500), b'dana li l-imsemmija multa ghandha tithallas mill-imputat wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija imposta b'din is-sentenza u tali hlas isir b'pagamenti mensili sakemm tithallas il-multa fl-intier taghha.

Ai termini ta' l-Artikolu 102A(2)(b) tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li l-esebit immarkat bhala Dok. "JB6" jigi konfiskat favur il-Gvern u konsegwentement jigi distrutt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------